**Paul Farrugia** *M.A.*

# *Maritaggi*

Fid-dokumenti tal-Arkivji tal-Arċidjoċesi ta' Malta, bħall-Visitationes Pastorales, Acta Civilia, u reġistri tas-Suppliki, ripetutament tiltaqa' mal-espressjoni maritaggio li tfisser legat taż-żwieġ. Imma maritaggio kellha bosta tifsiriet, xi drabi differenti ħafna minn xulxin, skont il-pajjiż fejn u ż-żmien meta ntużat.

Dawn li ġejjin huma xi tifsiriet li kellha din il-kelma. Fis-sistema fewdali, maritaggio kienet tista' tfisser il-propjetà li mara ġġib lir-raġel fiż-żwieġ. Din it-tifsira tixbah ħafna lill-kelma 'dota'. Kienet tista' tfisser ukoll id-dritt li kellu sid fewdali li, f'ċerti ċirkostanzi, jagħżel hu s-sieħeb jew is-sieħba tas-sudditi tiegħu. Dan kien jiġri, pereżempju, meta l-werrieta kienet tinzerta xebba jew armla. Sid fewdali kellu dritt jagħżel il-mara fil-każ ta' ġuvni li jiret lil missieru meta jkun għadu minorenni. L-istess kelma kienet tintuża wkoll għas-somma ta' flus illi sudditu kien jista' jħallas biex jiġi meħlus minn dan l-obbligu u allura jkun jista' jiżżewweġ lil min irid. Kienet tirreferi wkoll għall-multa li kellu jħallas min kien jikser dan l-obbligu. Maritaggio kienet tfisser ukoll il-ħlas li sudditu kien obbligat jagħmel lis-sinjur tiegħu meta jiżżewweġ. F'dawn l-eżempji, maritaggio dejjem tirreferi għal xi propjetà jew flus mgħoddija fiż-żwieġ.

Fi żminijiet aktar qrib insibu li fl-Italja, maritaggio kienet tfisser 'dota.' Din it-tifsira tgħodd għal Malta wkoll. Id-dota kienet tieħu forom differenti, jiddependi mill-kundizzjoni tal-familji tal-għarajjes. Hekk, fi żwieġ bejn familji għonja, id-dota setgħet tikkonsisti fi flus, artijiet jew oġġetti prezzjużi. Id-dota kienet isservi bħala sigurtà għall-mara: fil-każ li r-raġel imut kmieni, kien ikollha biex tgħix. In-nies kellhom ħajja iqsar mil-lum. Bosta drabi kien jiġi stipulat li r-raġel ma jistax juża d-dota ta' martu għal xi żmien, ngħidu aħna sa ma jkollhom it-tfal. Fil-każ ta' nies foqra, id-dota kienet tkun fqira wkoll u kienet tkun t'affarijiet bażiċi; kienet isservi biex tgħin 'il-koppja tibda familja u dar ġdida. Id-dota nistgħu inxebbhuha mal-wirt, imma l-ġid jgħaddi mill-ġenituri għall-ulied matul ħajjithom.

Iżda mhux kull familja kellha l-mezzi biex tipprovdi dota għall-bniet tagħha, u dan kien meqjus ta' żvantaġġ kbir: kienet saħansitra tista' tfisser li tfajla tibqa' ma tiżżewwiġx. Wieħed irid jifhem li l-ħajja kienet differenti minn tal-lum u għal ħafna nies, kienet diffiċli ferm. Il-faqar kien komuni u mezzi kif wieħed itejjeb il-qagħda tiegħu ftit kien hemm, għax kienet soċjetà agrarja bi ftit kummerċ jew industrija. Min kellu għelieqi u bhejjem kien meqjus tat-tajjeb, sa ma jiġu xi snin ħżiena, ngħidu aħna tagħmel ftit xita jew, għall-kuntrarju, tagħmel wisq. Mill-banda l-oħra, min kien jaqla' x'jiekol bħala impjegat, kellu ħlas baxx u xogħol aktarx staġjonali. Xi familji ma' kellhomx tifdil biżżejjed biex jidħlu għall-ispiża straordinarja li kien iġib miegħu t-tieġ ta' binthom. U familji b'aktar minn tifla waħda kienu jsibuha aktar diffiċli. Għan-nisa ftit kien hemm impjiegi li bihom setgħu jfaddlu għad-dota. Imma għall-maġġoranza tan-nisa ta' dari, li jiżżewġu kienet l-unika karriera li setgħu jaqbdu u li tibqa' xebba ma tantx kienet mixtieqa. Fil-każ ta' nisa foqra, iż-żwieġ kien ukoll opportunità li jtejbu ħajjithom. Għal xi wħud, id-dota kienet bżonn.

Ħafna mil-legati taż-żwieġ kienu maħsuba għal ċirkustanzi bħal dawn. Nies tat-tajjeb kienu jħallu parti minn ġidhom biex jgħinu tfajliet foqra li xtaqu jiżżewġu. Oħrajn kienu jaħsbu biss għal xebbiet mill-familja

tagħhom, fqar jew le. Inġibu bħala eżempju legat taż-żwieġ li twaqqaf fil-Parroċċa tal-Gudja, skont il-viżti pastorali tal-Isqof Davide Coccopalmieri[1] u tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan[2], għalkemm l-istess legat jista' jissemma f'dokumenti oħra wkoll. Hawn inġibu l-punti ewlenin ta' dan id-dokument.

"Skont id-dispożizzjoni ta' Agostino Falson, fl-atti tan-nutar Giovanni Dominico Gatt fis-27 t'April 1679 iridu jiġu ċċelebrati tnax-il quddiesa fil-knisja parrokkjali kull sena, mid-dħul ta' għalqa msejħa ta' Żebbugia li tinsab fir-raħal tal-Gudja, mogħtija b'ċens ta' ħmistax-il skud ... Kull sena żewġ skudi kellhom jintużaw wieħed għall-użu tal-Knisja u l-ieħor għal-Konfraternità tas-SS Rużarju għal spejjeż neċessarji ... kull sentejn kulma jibqa' minn dan id-dħul kellu jintuża għal dota ta' xebba fost il-konsangwinej tal-fundatur, li kellha tiġi magħżula mill-prokuraturi tal-Konfraternità tar-Rużarju, ... f'każ ta' konkorrenti tal-istess grad kellha tingħażel skont l-età. Il-kappillan jara li dan l-obbligu jiġi esegwit."

Il-forma ta' dan il-legat hija mill-aktar sempliċi fost il-legati taż-żwieġ. Fih l-isem tal-fundatur, propjetà li l-kera jew ċens tagħha kellu jipprovdi somma ta' flus u kif dawn jintużaw. Kien hemm ukoll min kellu jagħmel l-għażla, f'dan il-każ, il-prokuraturi tal-Konfraternità tar-Rużarju, u anki min kellu jissorvelja l-proċess: il-kappillan. Fattur importanti f'kull legat kien liema kriterji kellhom jintużaw fl-għażla bejn l-applikanti: f'dan il-każ l-ewwel nett li jkunu jiġu mill-fundatur u fil-każ ta' diversi konkorrenti li jkunu jiġu minnu fl-istess grad, kien jirbaħ min ikun l-akbar fl-età. Ma jidher li kien hemm ebda obbligu partikulari li l-għarusa kellha twettaq. Xi legati taż-żwieġ kienu ħafna aktar ikkumplikati minn hekk. Aspett ieħor li jidher f'dan u f'ħafna legati taż-żwieġ oħra hu li fl-istess kitba jsiru xi legati pii oħra li m'għandhomx x'jaqsmu maż-żwieġ.

Nagħtu daqqa t'għajn għal-liema raġunijiet kienu jsiru dawn l-għotjiet. L-ewwel nett hemm ir-raġunijiet mogħtija mit-testaturi nfushom. Fil-każ imsemmi, Agostino Falzon, b' sens ta' responsabbiltà lejn il-familja, ried jipprovdi għajnuna fil-futur lil nies li jiġu minnu. Milli jidher, hu kien tat-tajjeb, imma jew kellu qraba foqra jew kien konxju li 'l quddiem jista' jkun hemm minnhom min jiġi fil-bżonn. Mela ried iħalli xi ħaġa li tibqa' hemm wara mewtu. F'ħafna legati jissemma li trid tkun tfajla fqira, iżda f'dan l-eżempju ma jissemmiex il-faqar bħala kriterju imma l-konsangwinità biss. Hemm stipulat illi kellu jitqassam kull sentejn. Li l-flus jinġemgħu għal xi snin kienet karatteristika oħra ta' ħafna legati. Insibu legati li kienu jitqassmu kull sena, kull sentejn u anke kull erba' snin; dan kien jiddependi mir-rieda tat-testatur.

Il-parti l-kbira tal-maritaggi kellhom l-għan li jgħinu tfajliet foqra. Għalhekk, biex tkun eliġibbli, waħda kellha tkun fqira, għalkemm ma kienx stipulat fiex jikkonsisti l-faqar. Li l-familja ma jkolliex x'tiekol? Li bilkemm tlaħħaq mal-ħajja? Dawn id-donaturi kellhom f'moħħom li jgħinu lil min



Pittura ta' 'Tieġ Malti' f'Palazzo Falzon, L-Imdina.
Ritratt: Hajr lil The Times; Weddings & Honeymoons, Nov. 5, 2009

kien fil-bżonn; mela kienu nies ġenerużi, bħal dawk li kienu jħallu flus biex jitqassam xi ikel fil-festa ta' xi qaddis jew li kienu jikkontribwixxu biex jiġu mifdija l-ilsiera. Il-benevolenza kienet l-aqwa raġuni wara l-maritaġġi.

Dari, bħal dejjem, ħafna nies kienu jħossu x-xewqa li jibqgħu mfakkra wara mewthom. Li jagħtu karità kien mezz komuni. Oħrajn kienu jħallsu għal xi xogħol fil-knisja, u għalhekk insibu tant xogħolijiet tal-arti fil-knejjes tagħna. L-opri ta' karità kienu jassiguraw li jkun hemm tifkira tagħhom fil-komunità jew fil-familja. Żgur ukoll li kienu mħeġġa mit-tama li jkollhom kumpens wara mewthom. L-għajnuna lil min hu fil-bżonn hija parti mill-ħajja Nisranija.

Xewqa oħra kienet li xogħol li wieħed ikun iħobb jagħmel jibqa' jsir wara mewtu. Nistgħu naħsbu li min kien iħalli flus għal-legati taż-żwieġ kien jgħin lin-nies foqra anki f'ħajtu. Għall-istess raġuni xi legati kienu marbutin ma' devozzjonijiet jew prattiċi partikulari; inġib eżempju li biex tkun eliġibbli, iż-żwieġ kellu jsir f'xi knisja jew fuq altar partikulari. Min kien jagħmel dawn il-kundizzjonijiet ried ikabbar id-devozzjoni lejn il-qaddis patrun tal-knisja jew tal-altar.

Il-kundizzjonijiet biex tiġi magħżula l-mara li kellha tgawdi l-flus tal-legat kienu jvarjaw minn legat għall-ieħor għax dawn il-kundizzjonijiet kien jiddeċidihom il-fundatur meta jagħmel it-testment u kienu jridu jiġu osservati. Xi drabi kienu jinqalgħu problemi u protesti meta xi għarusa kien jidhrilha li ma ħaditx dak li kien ħaqqha għax il-kriterji ma jkunux ġewx osservati sew. F'każi bħal dawn kienet issir talba bil-miktub biex id-deċiżjoni tiġi riveduta.

Fil-kitba tal-legati nsibu l-kelma taljana zitella u l-plural zitelle. Fit-Taljan antik, zitella kienet tfisser tfajla li laħqet l-età taż-żwieġ u ma kellhiex it-tifsira peġorattiva li għandha llum. Dan kien kriterju użat ħafna u donnu kien jeskludi r-romol.

Xi kriterji jirrepetu ruħhom f'diversi legati. Sikwit niltaqgħu mal-konsangwinità, jiġifieri, id-dota kienet tista' tiġi meħuda biss minn tfajliet li kienu jiġu mill-benefattur. Jekk ikun hemm aktar minn konkorrenta waħda kien jidħol xi kriterju ieħor, pereżempju min ikun jiġi l-eqreb. Jekk jibqa' diffikultà kienu jużaw xi kundizzjoni oħra, aktarx l-età: min ikun l-akbar, jirbaħ. F'xi legati, ix-xebba kellha tkun dixxendenti tal-fundatur u mhux biss tiġi minnu. Il-fini tal-fundatur kien li jibqa' jgħin lill-għarajjes li jiġu minnu.

Il-faqar hu kriterju ieħor li jissemma f'bosta legati taż-żwieġ. Għalhekk, ħafna drabi wieħed jiltaqa' ma espressjonijiet bħal fqira, miżerabbli, orfni bla missier jew orfni bla missier jew omm. Imma l-faqar ma kienx rari u għalhekk ħafna drabi nsibu aktar minn tfajla waħda li japplikaw għall-istess legat. Kriterji oħra kienu jiġu miżjuda, pereżempju, il-konsangwinità tiġi msemmija mal-faqar: trid tkun tfajla fqira u tiġi mill-fundatur. U fil-faqar innifsu hemm il-gradi; għalhekk insibu espressjonijiet bħal fost l-aktar foqra.

Il-legati taż-żwieġ kienu jieħdu bosta forom. F'xi wħud, l-għażla kellha ssir minn prokuraturi ta' xi fratellanza, pereżempju tas-SS Sagrament tal-parroċċa taż-Żurrieq[3] jew mill-prokuraturi tal-Fratellanza tar-Rużarju fil-Gudja. F'oħrajn kienet issir konsulta minn nies magħżula skont il-kundizzjonijiet imħollija mill-fundatur. Fil-każ ta' legat partikolari, l-għażla kellha ssir permezz ta' votazzjoni min-nies ta' Birkirkara wara l-quddiesa solenni; is-sejħa kienet issir tmint ijiem qabel u bil-miktub[4]. Insomma, kull legat kellu r-regoli tiegħu.

Ħaġa oħra li juru dawn il-legati hija x'importanza kellha d-dota. Jidher li bosta drabi kienet essenzjali biex ix-xebba tiżżewweġ[5]. Fl-applikazzjonijiet għal-legati kien jintuża kliem li juri l-miżerja tat-tfajla u tal-familja tagħha. Dan kien isir biex it-talba tagħhom tiġi aċċettata, għax il-legat kien kitba legali u l-uffiċjali kienu marbutin li jsegwu r-regoli li jkun poġġa

l-fundatur. F'applikazzjoni minnhom insibu li t-tfajla iddeċidiet li tiżżewweġ biex teħles mill-perikli tad-dinja, imma biex tagħmel hekk kien hemm bżonn li tieħu xi legat taż-żwieġ[6]. F'każ ieħor, waħda fqira ħadet legat u anki xi karità (elemożina) oħra li bihom sabet ġuvni lest li jiżżewwigħa; biss sabet problema għax biex tieħu l-legat kellha l-kundizzjoni li tiżżewweġ fi knisja partikolari waqt li biex tirbaħ l-għajnuna l-oħra kellha tiżżewweġ fi knisja differenti. Talbet li tiġi eżentata minn wieħed mill-obbligi. Jidher li kieku tilfet il-legat kienet titlef l-għarus ukoll. Xi legati kellhom żmien stipulat sa meta jistgħu jintużaw inkella jintilfu. Jekk waħda fqira kienet tapplika għal-legat minn dawn u tirbħu kienet trid issib għarus u tiżżewweġ f'dak iż-żmien. Jekk ma jirnexxilhiex issib ġuvni, jew l-għerusija tisfaxxa, kienet titlob estensjoni biex ma titlifx il-legat u żżommu bit-tama li ssib ġuvni ieħor. Waħda minn Għawdex kellha titlob proroga ta' sena tliet darbiet. Ir-raġuni li ġabet kienet li Għawdex kien hemm nuqqas kbir ta' ġuvintur[7].

Din kienet waħda mill-bosta forom ta' karità li nsibu. Eżempji oħra kienu li jingħata ikel lill-foqra f'xi festa jew jingħataw flus biex jiġu meħlusa l-ilsiera. Bħalma kien hemm maritaggi għaż-żwieġ, kien hemm monacati għat-tfajliet foqra li xtaqu jsiru sorijiet. Kont issib nies ġenerużi li kienu jippruvaw itaffu d-diffikultajiet u t-tbatija ta' madwarhom. Dan kien isir permezz ta' legati fit-testmenti, imsejħa legati pii, u kienet id-drawwa li jitħallew f'idejn il-Knisja biex tamministrahom hi. Il-Knisja kellha l-organizzazzjoni neċessarja biex tħarishom u tara li jiġu mwettqa; l-għajnuna lil min hu fil-bżonn hija missjoni tagħha.

## REFERENZI

1 AAM 4037 f 407r.
2 AAM 4257 f 518v.
3 AAM 4544 f.840.
4 AAM 4545 f 135.
5 AAM 4545 f 387.
6 AAM 4544 f 761v 762v.
7 AAM 4263 f 96r-v.

